MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 44/2001/1

**Avukat Leslie Grech bhala managing partner tas-socjeta' en nom collectif Field Estates qabel Field Estates Limited**

**vs**

**Registratur tal-Qrati**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur nomine fid-19 ta' Jannar, 2001, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attur nomine is-somma ta' tliet mija u tmintax-il lira Maltin (Lm318.00) dovuti mill-konvenut lill-attur nomine skond l-erba' cedoli Civili, Prim Awla, ta' depozitu fil-Qorti li jgibu n-numri 202/99; 204/99; 207/99; u 410/99.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Lulju, 2000, ammontanti ghal tmien liri Maltin u hamsin centezmu (Lm8.50) skond it-taxxa annessa u mmarkata Dok. "A" u bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mis-16 ta'

April, 1999, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li saru l-pagamenti kollha relattivi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni pprezentata mill-attur fit-28 ta’ Frar, 2001;

Rat in-nota ta’ cessjoni dwar il-meritu pprezentata fil-25 ta’ Frar, 2002, fejn l-attur zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez u l-imghaxijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza kellha l-origini taghha wara l-prezentata ta’ erba’ cedoli ta’ fidi ta’ cens. Dawna jgibu n-numri 202/99, 204/99, 207/99 li gew ipprezentati fit-3 ta’ Marzu, 1999, u c-cedola numru 410/99 li giet ipprezentata fid-9 ta’ April, 1999. Il-beneficjarji ta’ dawn ic-cedoli kienu l-attur, Dr Leslie Grech, certa Luella Camilleri u l-Brigardier Arthur Gera bhala amministratur tal wirt ta’ Beatrice Amato Gauci.

Jidher illi sar xi zball peress illi l-Brigardier Arthur Gera irtira wkoll l-ammonti li kienu dovuti lil Dr Leslie Grech. Meta dan ta’ l-ahhar ra illi ma kienx qed jircievi l-flus dovuti lilu, pprezenta ittra ufficjali fl-10 ta’ Lulju, 2000. Pero’ xorta ma gara xejn, sakemm fl-ahhar, fid-19 ta’ Jannar, 2001, ipprezenta l-Avviz. Kien biss wara l-prezentata ta’ l-Avviz illi jidher illi bdew jiccaqalqu l-affarijiet. Tant hu hekk illi b’nota datata 25 ta’ Jannar, 2001, id-deputat registratur inkarigat mill-isbanki, Vincent

Attard baghat nota lis-Sur Gera sabiex jirrifondi l-ammonti ta’ flus illi huwa sbanka bi zball.

Fid-29 ta’ Jannar, 2001, il-Brigadier Arthur Gera baghat *cheque* lill-attur li ma giex accettat peress illi kien fih xi nuqqasijiet. Fl-ahhar jidher illi l-pagamenti saru kollha b’mod regolari, tant hu hekk illi fil-25 ta’ Frar, 2002, saret nota ta’ cessjoni dwar il-meritu wara d-debita hlasijiet. Gustament, issa l-attur jippretendi illi ghandu jithallas tal-ispejjez u l-imghaxijiet peress illi ma kienx tort imputabbli lilu illi l-flus ma gewx sbankati qabel.

Il-Qorti tirrileva illi thoss illi hemm certa nuqqas da parti tad-deputat registratur meta halla lill-Brigadier Arthur Gera jisbanka flus illi ma kienux strettament dovuti lilu. Tenut kont l-ammont ta’ xoghol illi hemm f’dak id-dipartiment, mhix xi haga kbira illi sar dan l-izball, illi wara kollox ma kienx wiehed daqshekk gravi peress illi l-Brigadier Arthur Gera kien lest jirrifondi dak l-ammont illi ha indebitament.

Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-affarijiet bdew jirrangaw wara l-prezentata ta’ l-Avviz, minkejja l-ittra ufficjali illi giet ipprezentata fl-10 ta’ Lulju, 2000. il-Qorti ma tarax kif il-konvenut kellu jistenna sitt xhur biex jaghmel xi haga meta kien gia intimat illi sar zball fic-cedoli msemmija.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-attur ghandu ragun jinsisti ghall-hlas ta’ l-ispejjez u l-imghaxijiet, liema imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru minn xahrejn wara l-prezentata ta’ kull cedola.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu stante n-nota ta’ cessjoni tal-25 ta’ Frar, 2002, tilqa’ t-talba ghal dak illi jirrigwarda l-ispejjez u l-imghaxijiet u tordna lir-Registratur konvenut illi jhallas lill-attur l-ispejjez ta’ din il-kawza kif ukoll l-imghaxijet legali dekorribbli minn xahrejn wara l-prezentata ta’ kull cedola.

Anthony Zammit
Deputat Registratur